MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 147/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs

Felix Pavia

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Gunju, 2003 fil-5.15 a.m. biswit 'V & F Self Service' shop 6, Housing Estate, Zabbar :
1) zamm prodotti ta' l-ikel ghall-konsum mill-bniedem (6 crates halib frisk) li t-temperatura li nzammew fiha tista' tirrizulta f'riskju ghas-sahha;
2) naqas li jzomm u jipprotegi hobz kontra kull kontaminazzjoni li x'aktarx tirrendi l-hobz mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju, 2003, li biha, wara li rat l-Avviz Legali 264 tal-2002 Parti IX Reg 6, u l-Avviz Legali 264 tal- 2002 Part Reg. 4 tal-Kap. 449 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal LM200 multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni fl-udjenza tal-lum li bih iddikjarat li in vista tal-fatt li l-appell jidher gustifikat ghab-bazi tar-rizultanzi, jirremmetti ruhu

Ikkonsidrat,

In vista tal-fatt li jidher li l-appellant ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-fatt li l-halib u l-hobz thalla barra mill-hanut tieghu minn terzi persuni qabel ma huwa kien normalment jiftah il-hanut tieghu, u ghalhekk hu m'ghandux jirrispondi kriminalment ghall-agir ta' haddiehor, tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------